malta biennale .art 2024

Under the Patronage of His Excellency the President of Malta and unesco

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 16 ta' April 2024

### Il-Biennale jesponi mijiet ta' tfal Maltin għall-arti

Mijiet ta' tfal attendew attivitajiet imtella' minn Heritage Malta bħala parti mill-maltabiennale.art. Fl-aħħar ftit jiem saru xejn inqas minn għaxar attivitajiet differenti li l-postijiet fihom imtlew kollha.

Parti integrali mill-programm tal-maltabiennale.art li beda matul ix-xahar li għadda, huma workshops intiżi għal tfal u studenti ta' etajiet differenti. L-għan huwa li t-tfal Maltin jiġu esposti għall-arti kontemporanja waqt li tinżera fihom l-attrazzjoni u l-imħabba lejn l-arti.

Fost l-attivitajiet li saru kien hemm workshops miftuħin għat-tfal tal-iskejjel li saru fil-Palazz tal-Granmastru u l-Bibljoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta. Filwaqt li lkoll imnebbħin mit-tema tal-Matri-Arkivju, l-attivitajiet kienu jinkludu eżerċizzji li involvew direttament lit-tfal biex offrew esperjenza ħolistika fejn ġew trattati temi soċjali importanti bħall-femilinità, ir-reżiljenza msawra sforz stejjer mistura ta' nisa, u l-wirt kulturali.

Hemm ukoll workshops miftuħin għall-istudenti kollha li jġorru l-passaport ta' Heritage Malta li saru f'Forti Sant-Iermu, il-Muża, l-Imnajdra u Ħaġar Qim. Dawn l-attivitajiet taw ċans uniku lill-istudenti li jiltaqgħu u jiddiskutu mal-kuraturi u mal-artisti parteċipanti fil-biennale. Il-postijiet għal dawn l-attivitajiet kollha imtlew ilkoll.

Saru wkoll attivitajiet speċjalizzati indirizzati lejn tfal down syndrome jew li jinsabu fuq l-ispettru tal-awtiżmu, oħrajn maħsubin għal tfal neqsin mis-smigħ minbarra attivitajiet speċifiċi għall-istudenti tal-Iskola tal-Arti.

Dan jixhed l-impenn tal-maltabiennale.art li jħalli legat artistiku fil-ġenerazzjonijiet il-ġodda, billi jinvesti fihom, jesponihom għall-arti kontemporanja u hekk jilħaq għan importanti ta' din l-attività li qed tiġbed l-attenzjoni tal-midja u l-kritiċi internazzjonali.

Il-maltabiennale.art huwa intiż biex ipoġġi lil Malta fuq il-mappa globali tal-arti filwaqt li jassisti l-artist biex jinternazzjonalizza. L-attendenza ta' persuni ta' kull età u l-interess li kebbes il-maltabiennale.art qed jgħinu biex jintlaħaq dan l-għan waqt li jsaħħaħ l-immaġni ta' Malta bħala laboratorju tal-arti kontemporanja.

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata*

*wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*

# PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 16th April 2024

## Hundreds of Maltese children take part in Biennale

Hundreds of Maltese children attended activities organised by Heritage Malta as part of the maltabiennale.art which started last month. There were no less than ten different activities over the past few days which were all fully booked.

In fulfilling its aim to leave an artistic legacy and expose the upcoming generations to contemporary art, maltabiennale.art includes several workshops intended specifically for local children and students.

Some of these workshops open to school children were set in prominent locations such as the Grand Master's Palace and the National Library in Valletta. While providing an interactive experience to students, all such activities were inspired by the theme of the matri-archive focusing on socially sensitive topics like femininity, untold stories of women and their effect on breeding resilience, and cultural heritage.

Other workshops open to Heritage Malta Student Passport holders were held in Fort Saint Elmo, Muza, Mnajdra and Ħaġar Qim temples, were also fully attended. Young participants enjoyed a unique experience to meet and discuss with artists and curators who are taking centre stage in the maltabiennale.art.

The programme also included specialised workshops intended for children with down syndrome and others on the autism spectrum whilst other activities catered specifically for children with a hearing impediment. Students of the Malta School of Art also participated in workshops designed for them.

maltabiennale.art is committed to leave an artistic legacy by investing in upcoming generations, exposing them to contemporary art.

The event which was recently praised by international media and critics is designed to place Malta on the global artistic map thereby supporting the internationalisation of local artists. Ensuring the programme attracts people of different age groups and backgrounds suggests the maltabiennale.art is a positive step towards promoting Malta as a laboratory for contemporary art.

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*